**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2022 – Pejovič vs EUIPO – ETA živilska industrija (TALIS)**

**(Kawża T-283/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali TALIS – Raġuni assoluta ta' invalidità – Mala fide – Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2022/C 340/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Edvin Pejovič (Pobegi, is-Slovenja) (rappreżentant: U. Pogačnik, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* ETA živilska industrija d.o.o. (Kamnik, is-Slovenja) (rappreżentant: J. Sibinčič, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament u l-bidla tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-23 ta' Marzu 2021 (Każ R 888/2020-4).

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-23 ta' Marzu 2021 (Każ R 888/2020-4) hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Edvin Pejovič għall-finijiet ta' din il-proċedura kif ukoll għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

4) ETA živilska industrija d.o.o. għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

[1] ĠU C 278, 12.7.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2022 – Pejovič vs EUIPO – ETA živilska industrija (RENČKI HRAM)**

**(Kawża T-284/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea RENČKI HRAM – Raġuni assoluta ta' invalidità – Mala fide – Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2022/C 340/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Edvin Pejovič (Pobegi, is-Slovenja) (rappreżentant: U. Pogačnik, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* ETA živilska industrija d.o.o. (Kamnik, is-Slovenja) (rappreżentant: J. Sibinčič, avukat)